

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Reġistri - Kummerċjali, Dwar L-insolvenza U Tal-artijiet](#) > [Reġistri Kummerċjali Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > Portugal

Reġistri kummerċjali fil-pajjiżi tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn
Portugall

Portugall



Din il-paġna tagħtik ħarsa ġenerali lejn ir-reġistru kummerċjali tal-Portugall.

Ir-reġistru kummerċjali

Fil-Portugall ir-reġistru kummerċjali huwa rregolat mill-Kodiċi tar-Reġistru Kummerċjali, adottat bid-Digriet-Liġi Nru 403/86 tat-3 ta' Diċembru 1986.

Ir-reġistrazzjoni hija r-responsabbiltà tal-uffiċċji tar-reġistru kummerċjali, li huma servizzi esterni tal-Istitut tar-Reġistraturi u n-Nutara (IRN), li jaqa' taħt il-patroċinju tal-Ministeru tal-Ġustizzja. L-uffiċċji tar-reġistru kummerċjali jinstabu fil-pajjiż kollu. M'hemm l-ebda limitazzjoni ġeografika fuq iż-żona ta' ġurisdizzjoni tagħhom.

L-għan tar-reġistru kummerċjali huwa li jirreklama s-sitwazzjoni legali ta':

- kummerċjanti waħdanin;
- kumpaniji kummerċjali;
- kumpaniji tal-liġi ċivili li għandhom forma kummerċjali;
- stabbilimenti individwali b'responsabbiltà limitata (EIRL);
- kooperattivi;
- intrapriżi pubbliċi;
- gruppi kumplimentari ta' kumpaniji (ACE) u Gruppi Ewropej b'Interess Ekonomiku;
- individwi u assoċjazzjonijiet meħtieġa mil-liġi biex jirreġistraw.

Ir-reġistrazzjoni tagħti personalità ġuridika lill-kumpaniji kummerċjali u hija ġeneralment obligatorja. In-negozji għandhom jirreġistraw fi żmien xahrejn mid-data tal-inkorporazzjoni.

Il-fatti jistgħu jiġu rreġistrati biss fejn ikunu sostnuti legalment minn evidenza dokumentarja, li għandha tiġi arkivjata elettronikament. Dokumenti f'lingwa barranija huma aċċettati biss fejn ikunu tradotti kif meħtieġ bil-liġi, ħlief jekk jirreġistraw fatti li huma soġġetti għal traskrizzjoni fir-reġistru, ikunu miktuba bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bl-Ispanjol, u l-uffiċjal rilevanti jkun kapaċi jtkellem sew b'dik il-lingwa.

Ir-reġistrazzjoni tista' ssir permezz ta' traskrizzjoni (l-informazzjoni li hija rilevanti għas-sitwazzjoni legali tal-entitajiet meħtieġa biex jirreġistraw hija estratta mid-dokumenti sottomessi u mqassra, u għandha tiġi vvalidata minn reġistratur jew uffiċjal tar-reġistru) jew permezz ta' depożitu (għall-arkivjar ta' dokumenti relatati mal-fatti li jeħtieġu reġistrazzjoni biss).

Dak li l-kumpaniji kummerċjali u l-kumpaniji tad-dritt ċivili li għandhom forma kummerċjali huma meħtieġa jirreġistraw:

- l-inkorporazzjoni;
- id-deċiżjonijiet meħuda mil-laqgħa ġenerali, fejn meħtieġ bil-liġi, dwar xiri ta' assi mill-kumpanija;
- qsim invers, qsim jew trasferiment ta' ishma f'kumpaniji privati b'responsabbiltà limitata jew ishma miżmuma minn soċji limitati f'soċjetajiet limitati;

- impenji biex jiddisponu minn jew ipoġġu gravami fuq ishma f'soċjetajiet ġenerali, soċjetajiet limitati jew kumpaniji privati b'responsabbiltà limitata, ftehimiet ta' prelazzjoni, fejn ġie miftiehem li ser ikollhom effetti *erga omnes*, u obbligi ta' prelazzjoni attribwiti tali effetti minn testatur fl-aħħar testment tiegħu jew tagħha;
- trasferimenti ta' ishma f'soċjetajiet ġenerali jew ishma miżmuma minn soċji limitati f'soċjetajiet limitati, l-istabbiliment ta' drittijiet *in rem* għall-użu u t-tgawdija jew f'lasijiet fuq ishma bħal dawn u t-trasferiment, modifika jew kanċellazzjoni tagħhom, u s-sekwestru ta' drittijiet fuq profitti u kwoti ta' likwidazzjoni;
- l-istabbiliment u t-trasferiment tal-użufrutt, sigurtà, trażżin, rahan, qbid jew sekwestru fi proċedimenti kriminali fuq ishma jew drittijiet fuqhom u kwalunkwe atti jew ordnijiet oħra li jaffettwaw id-dispożizzjoni libera ta' dawn l-ishma;
- l-irtirar jew it-tkeċċija ta' soċji minn soċjetajiet ġenerali u soċjetajiet limitati, it-tmiem ta' ishma bħala riżultat tal-mewt ta' soċju, u l-ammissjoni ta' soċji ġodda b'responsabbiltà illimitata;
- l-amortizzazzjoni ta' ishma u t-tkeċċija jew l-irtirar ta' azzjonisti minn kumpaniji privati b'responsabbiltà limitata;
- deċiżjonijiet dwar amortizzazzjoni, konverżjoni jew tfdija;
- f'ruġ ta' bonds b'offerta privata, sakemm ma jkunux ammessi għall-kummerċ f'suq tat-titoli regolat fil-perjodu ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni;
- f'raha u tluq, għal kwalunkwe raġuni għajr il-mogħdija taż-żmien, ta' membri tal-bord tad-diretturi u tal-bordijiet ta' tmexxija jew tas-segretarju tal-kumpanija;
- preżentazzjoni ta' kontijiet minn kumpaniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata, kumpaniji privati b'responsabbiltà limitata u soċjetajiet limitati b'ishma, u minn soċjetajiet ġenerali u soċjetajiet limitati fejn meħtieġ, u kontijiet konsolidati ta' kumpaniji li huma meħtieġa li jippreżentawhom;
- bidla fl-uffiċċju rreġistrat jew trasferiment tal-uffiċċju rreġistrat barra l-pajjiż;
- pjanijiet għal fużjonijiet jew f'ħaħ ta' fużjonijiet domestiċi jew transkonfinali,
- pjanijiet għall-inkorporazzjoni ta' kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata Ewropea permezz ta' fużjoni, pjanijiet għall-inkorporazzjoni ta' kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata Ewropea permezz tat-trasformazzjoni ta' kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata f'furmata skont il-liġi nazzjonali, jew pjanijiet għall-inkorporazzjoni ta' kumpanija *holding* pubblika b'responsabbiltà limitata Ewropea flimkien, fil-każ tal-aħħar, ma' prova li l-kundizzjonijiet biex isir dan jintlaħqu;
- kwalunkwe estensjoni, fużjoni domestika jew transkonfinali, f'ħaħ ta' fużjoni, konverżjoni jew xoljiment ta' kumpanija, u kull żieda, tnaqqis jew xiri mill-ġdid ta' kapital azzjonarju, u kull emenda oħra fl-istatut ta' kumpanija;
- f'raha u tluq, qabel it-tlestija tal-likwidazzjoni, ta' likwidaturi tal-kumpanija, kif ukoll kwalunkwe bidla fis-setgħat statutorji jew kuntrattwali tal-likwidaturi;
- it-tlestija tal-likwidazzjoni jew it-tkomplija tal-operazzjonijiet tal-kumpanija;
- deċiżjonijiet dwar iż-żamma ta' kontroll totali minn kumpanija waħda fuq oħra, fi grupp ta' kumpaniji, jew it-tmiem ta' tali sitwazzjoni;
- ftehim ta' subordinazzjoni, u kull emenda jew skadenza ta' dan;
- il-f'ruġ ta' ċertifikati b'opzjoni fuq ishma, fejn dan ikun b'offerta privata minn entità li m'għandha l-ebda titolu elenkat f'suq regolat nazzjonali, sakemm ma jkunux ammessi għall-kummerċ f'suq ta' titoli regolat fil-perjodu ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni.

Kif titlob ir-reġistrazzjoni u kemm tiswa

Tista' titlob ir-reġistrazzjoni ta' dokumenti għad-dħul fir-reġistru kummerċjali personalment f'uffiċċju tar-reġistru kummerċjali, bil-posta jew online (<https://eportugal.gov.pt/en/espaco-empresa/empresa-online>).

L-ispejjeż iwarjaw skond liema fatti tixtieq tirreġistra,, u huma riveduti regolarment. L-ispejjeż tar-reġistrazzjoni tad-diversi atti jistgħu jiġu kkonsultati fuq: <https://dre.pt/web/guest/legislacao-consolidada/-/lc/122322384/201906152048/73705012/diploma/indice>.

Kif tikkonsulta l-informazzjoni fir-reġistru kummerċjali u kemm jiswa

Kull persuna tista' titlob siltiet mir-reġistru u d-dokumenti arkivjati, jew tikseb informazzjoni orali jew bil-miktub dwar il-kontenut tagħhom.

Informazzjoni dwar reġistrazzjonijiet li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja hija disponibbli mingħajr f'ħaħ fuq <http://publicacoes.mj.pt/Pesquisa.aspx>.

Ir-reġistrazzjoni tista' tiġi ppruvata biss permezz ta' estratt, li huwa validu għal sitt xhur. Estratti jistgħu jsiru disponibbli fuq mezz elettroniku, u huma validi għall-iskopijiet legali kollha u quddiem kwalunkwe awtorità pubblika jew entità privata bl-istess termini bħall-verżjoni stampata.

Għandhom jitħallsu tariffi għal estratti mir-reġistru u dokumenti relatati, kemm jekk f'forma stampata jew elettronika.

Aċċess għal estratti elettroniċi huwa disponibbli għal abbonament ta' EUR 25 fis-sena u abbonamenti għal sentejn, tliet snin jew erba' snin jistgħu jsiru għal tariffa korrispondenti. L-ispiża tista' tvarja skond liema tip ta' estratt huwa meħtieġ (reġistrazzjoni, jew wieħed minn żewġ tipi oħra possibbli).

It-talbiet jistgħu jsiru fuq <https://eportugal.gov.pt/en/espaco-empresa/empresa-online>.

Fejn mitlub, l-informazzjoni li tinsab fir-reġistru kummerċjali tista' tiġi pprovduta permezz ta' ċertifikat elettroniku bl-Ingliż, b'effetti legali ekwivalenti għall-informazzjoni pprovduta bil-Portugiż.

Effetti legali tar-reġistru kummerċjali

Fatti li għandhom jiġu rreġistrati jidħlu fis-seħħ kontra partijiet terzi biss wara d-data tar-reġistrazzjoni. Fatti li għandhom jiġu rreġistrati u ppubblikati (fuq is-sit tal-internet <http://publicacoes.mj.pt/Pesquisa.aspx>) jidħlu fis-seħħ kontra partijiet terzi biss wara d-data tal-pubblikazzjoni.

Ir-reġistrazzjoni finali bi traskrizzjoni tikkostitwixxi preżunzjoni li s-sitwazzjoni legali teżisti, fuq it-termini preċiżi definiti. Pereżempju, rekords ta' kumpanija kummerċjali (forma legali, isem, uffiċċju reġistrat, skop, firmatarji, identifikazzjoni ta' membri ta' korpi tal-kumpanija, eċċ.) igawdu preżunzjoni li teżisti s-sitwazzjoni legali kif imsemmi fir-reġistru.

Ir-reġistrazzjoni b'depożitu ma tgawdix din il-preżunzjoni; isservi bħala notifika pubblika, u ma tgawdix minn preżunzjoni dwar il-korrettezza.

L-aħħar aġġornament: 10/06/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhix fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.